**Mingħand Pilatu sal-Kalvarju**

Mar għall-konsulta
Ngħatatlu l-aħbar,
Il-marda daħlet
Kissret, iggravat.

Xi tridu jagħmel?
Tpoġġgħielu s-salib,
Se jkollu jerfgħu
Miskin, bla ma jrid.

Elf ħsieb ghaddielu
Baqa' mingħajr kliem,
Fuq wiċċu telgħet
Tbatija bla tmiem.

Ħareġ jitkaxkar
Imwieżen bla kont,
X'qallu Pilatu
Tefgħu f'baħħ, bla sfond.

Bħall-granċ mar lura
Rebħietu sodda,
Jiemu kemm kiefra
Ħadd ma jaf x'sofra.

Sakemm waslietlu
Is-siegħa ta' mewtu,
U bid-dmugħ f'għajnejh
Lil qalbu sewdu.

Miegħu biss nieżel
Fil-qiegħ tal-ħofra,
U tbatijietu
Lil Kristu offra.

Kien il-Kalvarju
Mhux le l-kiefer tmiem,
Imm' għax kien jemmen
Għadda għall-qawmien.

Fis-sema qiegħed
Jitlob għalina,
Nwieġbu għas-sejħa
L'hemm ġewwa fina.

Patri Mario Attard OFM Cap

17 ta' Dicembru 2023

Iberrikkom Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.